Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

Laqgħa numru 39

17:30 pm 15 ta' Lulju 2026

Preżenti

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Luke Farrugia** | **Sindku** |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi- Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

Is-Sur Joseph Scerri Kunsillier

**Assenti**

Is-Sur Josef Azzopardi Viċi- Sindku

**Uffiċċjal Preżenti**

Robert Buhagiar - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30pm).**

**39.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

Is- Sindku s-Sur Luke Farruġia nforma lill- membri li rċieva ittra ta' Apoloġija mis-Sur Joseph Scerri.

**Il-Kunsill approva l-apoloġiji.**

**39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 38 , liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta’ posta elettronika u meħuda bħala moqrija.

**39.2.1** Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti Nru 38
Il-Kunsilliera Gloria Aquilina ssekondat. Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**39.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.**

**39.3.1** .Is-Sindku, s-Sur Luke Farrugia, ppropona li tingħata donazzjoni ta’ kotba lill-Iskola Theresa Nuzzo, lill-Iskola Santu Wistin, kif ukoll lill-Parroċċi tat-Trinità u ta’ Marija Reġina. Il-Kunsill qabel unanimament ma’ din il-proposta u approva d-donazzjoni tal-kotba lill-entitajiet imsemmija. Il-kotba ma nxtrawx mill-kunsill imma inataw lil kunsill b'donazzjoni.

**39.3.2** Is-Sindku informa lill-Kunsill li, b’rabta mal-attività tal-Festa Għana, l-Kunsill irċieva sponsorizazzjoni ta’ €1,000 mingħand il-kumpanija Yellow Pages u sponsorizazzjoni oħra ta’ €500 mingħand Cassar Shipyard. Il-Kunsill ħa nota u rringrazzja lill-isponsors għall-appoġġ tagħhom lejn din l-attività. Ta' dan il-kunsill poġġa l-"logo" tal-kumpanija tagħhom fuq il-poster.

**39.4 Mistoqsijiet mill-kunsilliera.**

**39.4.1** Il-Kunsilliera Gloria Aquilina saqsiet jekk hux ser isir reklamar għall-attività tal-Festa Għana. Is-Sindku kkonferma li se jkun qed isir reklamar permezz ta’ posters li se jitqassmu bieb bieb, kif ukoll permezz tal-midja soċjali, sabiex l-attività tiġi promossa fost ir-residenti u l-pubbliku ġenerali.

**39.4.2** Il-Kunsilliera Gloria Aquilina saqsiet ukoll dwar il-post li tella’ l-Kunsill fuq Facebook rigward il-ħoss tedjanti li diversi residenti qed jilmentaw dwaru, u staqsiet jekk il-Kunsill hux se jieħu passi dwar din il-kwistjoni. Is-Sindku spjega li se jkun qed jiltaqa’ ma’ rappreżentanti ta’ Transport Malta sabiex jiddiskuti s-suġġett mal-uffiċjal responsabbli mill-immaniġġjar ta’ dawn l-ilmenti fiż-żona tal-port.

**39.4.3** Il-Kunsillier Joseph Cachia qal li hemm il-ħtieġa li tittieħed azzjoni fir-rigward tal-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq ix-Xemxija, Is-Sindku ħa nota tal-punt imqajjem u nforma lill-Kunsill li l-kwistjoni se tiġi evalwata sabiex jiġu identifikati l-miżuri meħtieġa biex titjieb is-sitwazzjoni.

**39.4.4** Il-Kunsillier Dominic Spencer staqsa jekk il-logos tal-isponsors humiex se jkunu inklużi fuq il-poster tal-attività Festa *Għana*. Is-Sindku kkonferma li l-logos tal-isponsors se jkunu qed jidhru fuq il-materjal promozzjonali tal-attività.

Il-Kunsillier Dominic Spencer staqsa wkoll jekk l-għaqdiet lokali kienux ġew avviċinati sabiex jarmaw b'xorb waqt l-attività. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-għaqdiet ġew involuti fl-organizzazzjoni tal-attività u enfasizza li ma jsib l-ebda oġġezzjoni jekk xi għaqda tkun tixtieq tarma *bar* jew tbiegħ xorb waqt l-attività. Huwa żied li, skont l-informazzjoni li għandu, hemm entita' kummerċjali li ser tkun qed tħallas il-permess meħtieġ sabiex tarma u toffri xorb waqt l-avveniment.

Is-Sindku reġa' enfasizza li kull għaqda li tkun interessata li tipparteċipa b'dan il-mod hija libera tagħmel dan, u ċċara li qatt ma ngħatat xi istruzzjoni jew indikazzjoni lill-għaqdiet biex ma jarmawx bil-bar, b'risposta għall-mistoqsija tal-Kunsillier Dominic Spencer.

**39.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni Skeda ta' pagament 07/2026**

Is-Sindku ppreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 07/26 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**39.5.1** Wara mozzjoni mressqa mill-proponent, is-Sindku Luke Farrugia u sekonda l-Kunsillier s-Sur Joseph Cachia, il-kunsillier is-Sur Dominic Spencer asstjena fuq il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti għaddew b'erba favur u asstenzjoni wahda.

**39.6 Rapport Finanzjarju Q1 2026**

**39.6.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart ta'sena 2026, fejn spjega li ġie kkalkulat surplus ta' €1,530 u ddeskriva dan bhala riżultat pożittiv.

**39.6.2** Is-Sindku ressaq ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart ta sena għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**39.7 Decizjoni Tender Evaluation Report :**The supply,installation and commissioning of 12 solar powered CCTV system for the Marsa Local Council

**39.7.1** Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Board tal-Għażla għal dan it-tender. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien hemm żewġ offerti u li l-Board tal-għażla ta' parir lill-Kunsill biex jingħata t-tender lill-orħos offerta.

**39.7.2** Il-Kunsill qabel unanimament li t-tender jingħata lill-orħos offerta, skont ir-rakkomandazzjoni tal-Board tal-Għażla.

**39.8 Proposta għal isem ġdid ta' Triq wara l-iskola Santu Wistin**

**39.8.1** Fuq din il-proposta, s-Sindku spjega li kien għamel xi riċerka sabiex jinstab isem xieraq għal din it-triq. Huwa ppropona li t-triq tissejjaħ "Triq P. Henry Schembri", peress li dan kien surmast fi skola statali tal-Gvern, kien joqgħod il-Marsa u kien jgħix fil-viċinanzi tat-triq li qed tiġi proposta biex tingħata dan l-isem.

**39.8.2** Wara li s-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk kienx hemm xi suġġerimenti oħra, il-Kunsillier Dominic Spencer ippropona li t-toroq li jingħataw isem ikunu msemmija għal persuni li għandhom rabta mal-Marsa. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li, sal-laqgħa li jmiss, kull min ikollu suġġeriment għal isem ta' triq iressqu għall-kunsiderazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

**39.9 Ħarġa ghal-Ghawdex**

**39.9.1** Is-Sindku ppropona li tiġi organizzata ħarġa għal Għawdex għar-residenti tal-lokal f 23 ta'Settembru 2026.

**39.9.2** Is-Sur Dominic Spencer staqsa lis-Sindku min kien se jorganizza din l-attività. Is-Sindku wieġeb li din kienet se tiġi organizzata mill-Kunsill. Is-Sur Dominic Spencer irrimarka li għandu jiġi evitat li jerġa' jseħħ dak li ġara f'Topaz,, fejn beda jintqal li din l-attività kienet tas-Sindku.

**39.9.2** Is-Sindku qabal li ma jistax isir kif ġara l-aħħar attivita' u qal li l-Kunsill għandu jaġixxi b'mod professjonali u li ma jistax ikun hemm kontroll fuq dak li jgħidu n-nies jew ineħħbu għal xulxin.

**39.9.3** Is-Sur Dominic Spencer oġġezzjona għal dan il-kumment u talab lis-Sindku biex jirtirah u li dan jitniżżel fil-minuti tal-laqgħa. Huwa talab ukoll li jinżamm ir-recording ta' din il-laqgħa.

**39.9.4** Is-Sindku nfurmah li r-recordings kollha jiġu uploaded u li qatt ma jitħassru r-recordings tal-laqgħat tal-Kunsill u qabel li jitniżlu l-kummenti li ntqalu fil-minuti.

**39.9.5** Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill din l-attività, li ġiet approvata unanimament.

**39.10 Team building għal kunsilliera u l-impjegati tal-kunsill**

**39.10.1** Is-Sindku ppropona għall-approvazzjoni tal-Kunsill li jiġi organizzat Team building f'16 ta'Ottubru 2016.

**39.10.2** Il-kunsill qabel unanimament biex din l-attivita issir.

**39.11 Korrispondenza**

**39.11.1** Is-Soċjetà Mużikali Banda Marija Regina talbet lill-Kunsill sabiex, bħalma sar fis-snin preċedenti, jikkunsidra li jirreklama fil-ktieb tal-Festa li s-Soċjetà se tippubblika fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Reġina. Il-prezz ta' paġna A5 bil-kulur huwa ta' €300. Il-Kunsill qabel unanimament biex jirreklama fil-ktieb tal-festa.

**39.11.2** L-Għaqda Storika bagħatu ittra fejn irringrazzjaw u awguraw lill-Kunsill biex jibqa' jinforza lill-awtoritajiet fejn jidħlu persuni llegali. Żiedu jgħidu li huma perswazi li jekk il-Kunsill ikollu l-għodda meħtieġa jirnexxilu u l-istigma li writna niġġieldu għaliha L-għaqda ser tagħti l-appoġġ kollu tagħha lill-Kunsill.

**39.11.3** L- Għaqda Storika Kulturali Marsa ser torganizza Wirja fuq il-Marsa bejn it- 23 u s-26 t'Ottubru fiċ-Ċentru Parrokkjali San Piju X. Il-Kunsill huwa mistieden biex itella' stand b'ritratti u materjal ieħor tal-Kunsill . Jekk il-Kunsill interessat jagħmel kuntatt ma l-għaqda sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 25 ta' Settembru 2026.

**39.11.4** The Malta Records irċieva nformazzjoni mingħand is-Sur Colin Pace rigward biċċa xogħol li qed iwettaq volontarjament fil-Marsa. Huwa qed inaddaf il-kanal u jiġbor ammont kbir ta' skart. Skond Malta Records dan huwa record nazzjonali ġdid. Il-Kunsill jista' jiġi msemmi wkoll fiċ-ċertifikat biex jinżamm bħala memorja . Bħala ħlas huwa ta' €260 fejn jiġu mgħotija żewġ ċertifikali framed, midalja li tiġi ppreżentata lis-Sur Colin Pace, preżentazzjoni uffiċċjali u ħlas ta' 15 % taxxa.

**39.11.5** Fuq proposta tas-Sindku biex jingħata dan ir-rikonixxament u sekondata mill-kunsillier Anthony Meilak il-Kunsill ħa vot fuq din il-proposta fejn is-Sindku, l-kunsilliera Anthony Meilak u l-Kunsillier Joseph Cachia ivuttaw favur filwaqt li l-Kunsilliera is-sur Dominic Spencer u s-Sinjura Gloria Aquilina asstjenaw fuq din il-proposta.

**39.11.**6 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-korrispondenza li ntbagħtet lill-membri kollha tal-Kunsill rigward it-trasferiment tal-fondi relatati mal-iskema li minnha l-Kunsill kien ibbenefika permezz tal-fondi kulturali. Ġie spjegat li, bi qbil mad-Dipartiment, dawn il-fondi se jiġu trasferiti sabiex jintużaw għall-attività organizzata mill-Kunsill, jiġifieri Għana Fest, bil-għan li l-fondi ma jintilfux u jibqgħu jintużaw għall-iskop kulturali maħsub għalih.

**39.12 Aġġornament**

**39.12.1** Il-laqgħa ġiet fit-tmiem fis-19:50 u giet aġġornata għal Erbgha 19 ta' Awissu 2026.

| | |
|---|---|
| Luke Farrugia | Robert Buhagiar |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |